FL-OKKAŻJONI TAL-KXIF TAL-BUST TAS-

1876



1942

# SURMAST KOMPOZITUR CARLO DIACONO

(Dan il-Programm iservi bħala invit)

ŻEJTUN

19 TA' NOVEMBRU, 1967

# DATI IMPORTANTI FIL-ĦAJJA TAS-SURMAST KOMPOŻITUR CARLO DIACONO

1876 1 ta' April, twieled fid-dar Nru. 28, Pjazza Gregorio Bonnici.
1878 Wera l-ewwel xeħta soda għad-daqq.
1886 Ħareġ idoqq il-kwartin mal-Banda Beland.
1887 Daħal il-Liċeo.
1891 Ikkompona l-ewwel Innu lil Santa Katerina.
1892 Surmast tal-Banda Beland.
Organista fil-Parroċċa taż-Żejtun.
Għaqqad kor fil-Parroċċa taż-Żejtun u ngħata l-ewwel kummissjoni f'diversi knejjes.
Beda jistudja għand is-Surmast Paolin Vassallo.
1893 Kiteb l-ewwel marċi għall-Banda Beland: "Il Saluto della Sera" u "Il Trionfo".
1902 Spiċċa l-istudju tiegħu għand is-Surmast Paolin Vassallo.
1904 Għallem il-partijiet ta' l-Opra "Frażir" ta' Paolin Vassallo.
1908 15 ta' Novembru żżewweġ lil Marija Stella Cannataci (bint l-Avv. Alfonso M. Cannataci u s-Sinjura Adelaide neè De Domenico).
1910 Kiteb Quddies u Responsorji skond il-Moto Proprio.
1913 Ikkompona l-Oratorio "San Paolo a Naufrago".
1913 Intagħżel Surmast u Direttur tal-Banda San Giorgio, Bormla.
1918 16, 17, 23, 28 ta' April u t-2 ta' Mejju, ippreżenta l-Opra "Alpino" fit-Teatru Rjal, Valletta.
1923 Intagħżel Maestro di Cappella tal-Kattidral.
1924 Mużika tiegħu ġiet esegwita fil-British Empire Exhibition f'Wembley, li għaliha ngħata midalja.
1934 Mietet il-mara tiegħu (25 ta' Ġunju).
1935 Idderieġa 37 Banda f'daqqa fil-Main Guard u fuq Kastilja, il-Belt Valletta, fl-okkażjoni tas-Silver Jubilee tar-Re Ġorġ V.
1938 Indaqqet il-mużika tiegħu f'Ruma.
1942 Indaqqet il-mużika tiegħu fil-Kajr.
1942 15 ta' Ġunju, 8.15 a.m. miet f'Ħal-Lija, fid-dar Nru. 42, Triq il-Kbira.
16 ta' Ġunju, midfun fiċ-Ċimiterju ta' San Girgor, iż-Żejtun.
1946 L-Opra "Alpino" ippreżentata fir-Radio City Opera House, Ħamrun, minn ibnu Frankie.
1952 28 ta' Ġunju, Quddiesa di Requiem Nru. 8 in Re Minore għal ruħu fil-Parroċċa taż-Żejtun.
1957 Indaqqet il-mużika tiegħu fi New York.
1967 19 ta' Novembru, kxif tal-bust fuq id-dar fejn twieled.
19 ta' Novembru, esibizzjoni tax-xogħlijiet tiegħu fil-Bini Parrokkjali taż-Żejtun.

## XOGĦLIJIET TAS-SURMAST KOMPOŻITUR

# CARLO DIACONO

**Opri Teatrali**

L'Alpino
Villa Azzurra (mhux kompluta)

**Oratorji**

San Paolo (fi tlett atti)
Transitu di S. Antonio (f'att wieħed)
Il Cantico di Frate Sole (f'att wieħed)

**Operetta f'Att wieħed**

Per Voci Puerili

**Kantati**

Fra le Braccia della Vergine
O Roma Felix
Inviolata
Tota Pulchra
O Sacrum Convivium
L'Ave della Sera
De la Terra del Ciel
Domine Salva Nos Perimus
Ave Verum
Preghiera alla Vergine
A Maria (Inno ai Giovani)
Notte di Natale
Ninni Nanna
Ave Signor
Ave Maria per Voce di Contralto
La Salveregina
Hosanna Filio David
Padre Nostro
2 Oremus pro Pontefice
Sei Mio
Con che Fidente Affetto

**Preludi għall-Orkestra**

5 — In Fa Maggiore
2 — In Do Maggiore
4 — In Sol Maggiore
4 — Meditazione per Orchestra

**Sinfoniji**

Talia
Clio
Calliope
Onda di Sospiri
3 — Sinfoniette
Stella
Socrate

**Overtures**

2 — In Do Maggiore
2 — In Fa Maggiore
4 — In Sol Maggiore
40 — Marcie Funebri
Elegio Funebre

**Xogħlijiet Orkestrali**

Andante Espressimo
2 — Scherzi
Tirolese
Valzer in La Minore
Pagina d'Album
5 — Pastorali
Danza Spagnuola
Pezzo Caratteristico
Serenata
2 — Barcarole
2 — Tarantelle
Marionette
Largo Espressimo
Innu lil Santa Katerina

**Xogħlijiet għall-Pjanu**

2 — Notturni
5 — Valzers
2 — Capricci
2 — Minuetti
Fantasia Impromptu
Galop
Madrigale
Sinte
Danza Indiana

**Romanzi**

Il Canto del Costritto
Ave Maria per Voce Puerile
Il Giglio
Il Trovatello
Canta Fanciullo
Preghiera Matutina
Il Grido del Cor
Notte Lunare
La Sua Stella
Ave Maria per Baritono
Tramonto sul Mar
L'Esule
Għaliex
Malta Ġawhra tal-Mediterran
Torna
In Gondola
Il Primo Incontro (mhux kompluta)

**Innnijiet għall-Orkestra**

Inno Missionario
Inno dei Seminaristi
Inno degli Aspiranti
Inno dell'Azione Cattolica
Inno a Monsignor Bonanno
Inno a Don Michele Scerri
Inno a San Giacomo
Inno a Santa Caterina
Innu għad-Domus taż-Żejtun

**Innijiet għall-Banda**

Santa Caterina
Immacolata

**Mużika Polifonika**

Ave Maria
Tu Es Petrus
5 — Messe
2 — Responsori di Mercoledì Giovedì e Venerdì Santo
Sub Tuum Praesidium

**Innijiet Popolari**

A Maria Bambina
San Giuseppe
San Rocco

**Marċijiet**

Marcia Trionfale
Marcia in si bimolle
Marcia Religiosa
Marcia Giubileo d'Argento
Ave Maria per Fanciulli

**Mużika għall-Knejjes**

45 — Messe da Gloria
22 — Messe Funebri
Salmi
Antifone
Inni

Għadd kbir ieħor ta' mużika mxerrda f'każini, istituti, seminarji u għaqdiet oħra.

# PROGRAMM TAC-CELEBRAZZJONIJIET

**Is-Sibt, 18 ta' Novembru, 1967**

**6.00 p.m.** Quddiesa Kantata Solenni għar-ruħ is-Surmast Carlo Diacono, ċelebrata mill-E.T. Mons. Isqof E. Galea, D.D., J.C.D., B.Litt., fil-Knisja Parrokkjali.

Is-Surmast Frankie Diacono, iben il-Kompożitur, jidderieġi l-Quddiesa de Requie Nru. 8 in Re Minore, miktuba minn Carlo stess fi Frar, 1939, u ddedikata lill-Q.T. il-Papa Piju XI. Din il-Quddiesa ġiet esegwita għall-ewwel darba fil-Kattidral ta' Malta fil-mewt ta' l-istess Papa.

**Il-Ħadd, 19 ta' Novembru, 1967**

**4.00 p.m.** Ftuħ ta' l-Esibizzjoni, fil-Bini Parrokkjali, mill-Onor. Ministru tas-Saħħa, Dr. Alexander Cachia Zammit, M.D., M.P.

**4.15 p.m.** Marċ mill-Banda "Carlo Diacono" (komposta mill-Beland Band u ż-Żejtun Band) minn Pjazza l-Kbira sa Pjazza Gregorio Bonnici.

**5.30 p.m.** Diskors ta' kommemorazzjoni mill-President tal-Kumitat Organizzativ, il-W.R. Pantaleone Orland, Arċipriet taż-Żejtun.

**5.45 p.m.** Kxif tal-Bust tas-Surmast Carlo Diacono minn ibnu s-Surmast Frankie Diacono.

Tberik tal-Bust mill-E.T. Mons. Isqof E. Gerada, J.U.D., S.Th.L., B.A.

**6.00 p.m.** Akkademja Mużiko-Letterarja fil-Bini Parrokkjali.

# AKKADEMJA MUSIKO-LETTERARJA

TALIA *Overture* C. Diacono

"Talia" — Overture No. 1 Musa della Commedia. Carlo Diacono sejjaħ din il-biċċa kompożizzjoni bħala *fiorente* — *germogliante* — *giulive*. Din il-kompożizzjoni indaqqet kemm-il darba f'okkażjonijiet differenti. Inkitbet fl-24 ta' April, 1932.

IL-MUŻIKA RELIĠJUŻA TA' C. DIACONO Kan. Ġ. Palmier (Direttur Spiritwali tal-Beland Band Club)

DIES IRAE C. Diacono

Din hi parti minn Quddiesa tal-Mejtin li ġiet komposta f'għeluq ix-xahar mill-mewt ta' martu Stella u ġiet esegwita fil-Knisja Bażilika tal-Bon Kunsill, iż-Żejtun. Din il-Qudidesa nkitbet fl-1934 u ġiet ridotta għall-Banda minn Mro. Vincenzo Ciappara.

O ROMA FELIX C. Diacono

Din il-"Cantata", għall-Baritonu (Paolo Portelli), Kor u Orkestra, indaqqet l-ewwel darba fil-Gara Katekistika li saret fl-Istitut San Ġakbu, Valletta, fi Frar, 1934. Iżda kienet miktuba minn C. Diacono s-sena ta' qabel. Hija biċċa xogħol sabiħa għal erba' vuċijiet fuq stil polifoniku.

GIUBILEO D'ARGENTO *Marcia* C. Diacono

Din il-marcia ġiet dedikata mill-kompożitur lil Dun Spir Grixti, Fundatur tal-Juventutis Domus, Żejtun, u ndaqqet nhar il-15 ta' Jannar, 1937, f'festi speċjali li ġew organizzati biex ifakkru l-25 Anniversarju tat-twaqqif ta'-l-istess Domus. Hija biċċa mużika ferrieħa fuq stil popolari u tal-widna.

IL-MUŻIKA KLASSIKA TA' C. DIACONO Capt. S. C. Xuereb, M.B.E. (President, Żejtun Band Club)

INNO A SANTA CATERINA C. Diacono

Dan l-Innu għat-Tenur (Elia Cassar), Kor u Orkestra, huwa miktub fuq versi ta' Dr. Carmelo Mifsud Bonnici u daqqitu l-ewwel darba l-Orkestra taċ-Circolo Busicale Santa Caterina, li għaliha ġie kompost minn C. Diacono, nhar is-17 ta' Novembru, 1924. Għalkemm dan l-innu ġie miktub mill-awtur f'temp qasir ħafna, madankollu juri armonija u orkestrazzjoni liema bħalhom.

Organista: Mro. A. G. Spiteri A.(Mus.)L.C.M. Kor tal-Ħamrun taħt id-direzzjoni tas-Surmast Dun Ġ. Cachia. L-orgni misluf mid-Ditta Nani.

Il-mużika tkun diretta mis-Surmast Frankie Diacono.

INNU MALTI

# PUNTI IMPORTANTI MILL-ESIBIZZJONI

## L-ESIBIZZJONI HIJA MQASSMA FI TLIET PARTIJIET

**L-Ewwel Parti — Ħajja ta' Carlo Diacono**

F'din il-parti naraw tabella bid-dati importanti fil-ħajja ta' Carlo flimkien ma' ritratti u oġġetti li għandhom x'jaqsmu miegħu. Fost ħwejjeġ oħra naraw ritratti tal-ġenituri tiegħu, ħutu, tiegħu stess f'diversi okkażjonijiet, speċjalment meta dderieġa 37 banda f'daqqa fl-1935 fl-okkażjoni tas-Silver Jubilee tar-Re Ġorġ V. Nilmħu wkoll ir-ritratti tad-djar ta' fejn twieled, għex u miet, kif ukoll ritratti tal-knisja fejn ġie mogħti l-ewwel kummissjoni biex idoqq u jkanta fiha kif ukoll tal-qabar fejn jinsab midfun.

Fost l-oġġetti konnessi mal-ħajja tiegħu ta' min jinnota l-fisqija tal-magħmudija, il-bastun, il-bakketta, il-kaxxa tat-tabakk, il-pipa u l-ilbies li kien jilbes meta jidderieġi. Naraw ukoll il-kwartin li bih kien ħareġ idoqq għall-ewwel darba fil-banda, il-vjolin u l-monometru ta' fuq il-pjanu tiegħu.

**It-Tieni Parti — Xogħlijiet Mużikali**

Il-lista twila li tiddomina din il-parti turina biċ-ċar ir-repertorju kbir li ħareġ mill-pinna tas-Surmast Diacono. Il-lista tinkludi Opri Teatrali, Oratorji, Kantati, Preludji, Sinfoniji, Overtures, Xogħlijiet għall-Orkestra u għall-Pjanu, Quddies, Romanzi, Innijiet għall-Orkestra u għall-Banda, Mużika Polifonika, Innijiet Popolari u Marċijiet. Quddiemna għandna wkoll partijiet oriġinali miktubin minnu stess kif ukoll mużika stampata u diski ta' xogħlijiet tiegħu.

Waqt l-esibizzjoni jinstemgħu siltiet mix-xogħlijiet tiegħu.

**It-Tielet Parti — Apprezzament tat-Talent ta' Diacono**

Minbarra li naqraw x'qalu nies magħrufin fil-qasam mużikali, kemm barranin kif ukoll Maltin, dwar il-mużika ta' Diacono, naraw ukoll il-poeżija tal-Poeta Nazzjonali Malti Dun Karm Psaila li kiteb f'għeluq is-sena mill-mewt ta' Carlo Diacono. Ta' min jiftakar li kemm Refice kif ukoll Perosi kienu awtorità kbira fil-qasam tal-mużika sagra u kienu konnessi intimament mal-Vatikan. Perosi kien Maestro tal-Kappella Sistina inkarigat mill-kant fil-funzjonijiet solenni f'San Pietru, Ruma.

Din il-parti tinkludi diversi kummenti li dehru fil-gazzetti fuq ix-xogħlijiet ta' Diacono kif ukoll l-ittri ta' apprezzament mibgħutin lil Diacono dwar il-mużika tiegħu.

Fost oġġetti oħra esibiti naraw l-abbozz tal-bust tas-Surmast Diacono, xogħol tal-Professur V. Apap, O.B.E. u l-leġiju ta' l-ewwel programmi tal-banda li kien jesegwixxi.

## ĠIEH MILL-POETA NAZZJONALI

## LIS-SURMAST CARLO DIACONO

Iż-żmien għaddej; il-ward li f'raba' u ġonna
Jiftaħ mal-għodwa taħt ix-xemx tal-ħajja
Imejjel rasu f'nofs in-nhar, jintelaq
għall-mewt fil-għaxija.

Hekk int, Ħabib, fi ġnien kenni ta' Malta
Ftaħt bħal warda fil-ġmiel ta' ħajja bieżla;
Ħaddimt qalbek u ħsiebek; ħabbejt 'l Alla
u lil Pajjiżek.

Il-mewt ħatfitek, ilu sena; sieket
Ġo qabar ċkejken qiegħed issa, u l-ebda
Kelma ta' mħabba minn di'n nagħsa tqila
ma tista' tqajmek:

'Ma jekk il-ġisem jerġa' trab, mill-ġisem
Toħroġ titttajjar bħal farfett mill-fosdqa
Dik il-qawwa tar-ruħ li taf tinħadem
f'għanja tal-Ġenna.

Dawk in-noti ħelwin li tnisslu minnek
Hawn għadhom jiżfnu fuq il-qabar tiegħek
Kif jagħmlu dawk ta' l-omm fuq il-benniena
ta' tfajjel rieqed.

16.vi.43 — DUN KARM

---

Din il-poeżija nkitbet f'egħluq is-sena mill-mewt tas-Surmast Carlo Diacono.

## KUMMENTI MINN NIES MAGĦRUFA

"Diacono stess ma jafx kemm jippossiedi talent mużikali". MASCAGNI

---

"Nittama li l-awtorità li għandek fit-Teatru Rjal ta' Malta u l-kompetenza artistika tiegħek jiġu mismugħin". FELICE LATTUADA

---

"Jiena kont ammiratur ta' Diacono u l-mużika tiegħu kienet tgħaxxaqni". DUN KARM PSAILA

---

"Il-mużika sabiħa tiegħek serħitni fin-niket tiegħi". LORENZO PEROSI

---

"Carlo tgħallem kważi kollox f'daqqa u żgur li dan jirrifletti t-tagħlim tiegħi kollu wara mewti". PAOLIN VASSALLO

---

"Diacono huwa lussu kbir għal Malta". LICINO REFICE

— o —

## KUMITAT ORGANIZZATIV

W.R. Arċipriet Pantaleone Orland — President.
Rev. Joe Abela, Lic.D., H.E.L., B.A. (Hons.) — Segretarju.
Is-Sur Nicholas Attard — Kaxxier u Delegat taċ-Circolo Musicale Santa Caterina.
Is-Sur Michael Lautier — Delegat tal-Beland Band Club.
Is-Sur Joe Attard — Delegat taż-Żejtun Band Club.
Is-Sur George J. Vella — Delegat tal-Juventutis Domus Sacra Familia.
W.R. Kan. Giovanni Palmier, Mro. Frankie Diacono u Mro. Carmelo Abela.

## KUMITAT ESIBIZZJONI

Is-Sur George J. Vella — President.
Is-Sur Charles Debono — Segretarju.
Is-Sur Renè Zahra
Is-Sur Ċesarin Attard
Is-Sur Danny Galea
Is-Sur Reno Gatt

## DELEGATI PROPAGANDA

Rev. Angelo Seychell, Lic.D., B.A.
Is-Sur Walter Zahra
Is-Sur Joe Grima
Is-Sur Charles Debono

Is-Sur George J. Vella